6 ta' Settembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Gaetano Borg**

## Xorb Alkooliku — Tikketta.

***Fuq it-tikketta li titwaħħal fuq il-fliexken li jkun fihom xorb alkooliku għandu jkun hemm, "inter alia", indikazzjoni tal-qawwa alkoolika ta' dak ix-xorb.***

***Il-qawwa alkoolika ndikata fit-tikketta għandha tkun dik li tkun fir-realtà; u biex ikun hekk hemm bżonn li l-gradazzjoni tkun ir-riżultat mhux ta' test kondott f'mod kwalunkwe, imma ta' test kondott bil-kondizzjonijiet li tirrikjedi x-xjenza, b'mod li r-riżultat ikun korrett.***

Fuq l-imputazzjoni illi kiser ir-raba' regolament tal-Govt. Notice 792 ta' l-1949, billi kellu fil-pussess tiegħu fliexken tax-xorb alkooliku maħdum minnu li ma kienx ta' qawwa alkoolika skond id-dikjarazzjoni fuq it-tikketta, l-imputat

gie misjub mhux hati u liberat b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta ta' l-20 ta' Mejju 1952;

L-Attorney General appella minn din id-deċiżjoni, u talab li tigi revokata u li l-imputat jigi misjub hati u kundannat skond il-ligi;

Il-pont ta' l-inappellabilità eċċepita mill-imputat gie deċiż bis-sentenza fol. 18;

Fil-meritu;

Hu ovvju li, meta l-ligi *fir-regolament* fuq imsemmi riedet *li fuq it-tikketta li titwahhal fuq* il-flixkun ghandu jkun hemm, *"inter alia"*, l-indikazzjoni tal-qawwa alkoolika, hija riedet li dina l-qawwa alkoolika tkun tassew dik li fir-realtà tkun. Hu ugwalment ovvju li, biex tkun hekk, hemm bżonn li l-gradazzjoni tkun ir-riżultat mhux ta' "test" kondott f'mod kwalunkwe, iżda ta' "test" kondott fil-kondizzjonijiet li tirrikjedi x-xjenza, b'mod li r-riżultat ikun korrett. Kien ikun irriżorju dan ir-rekwiżit tal-ligi kieku kulhadd kien jista' jaghmel it-test fit-temperatura li jidhirlu. Ma kienx hemm bżonn li l-ligi tghid dwar il-kondizzjonijiet tat-test; ghax huwa intuwitiv li t-test ghandu jkun dak obbjettiv u xjentifiku;

Ghalhekk *ir-reat hu pruvat*;

Ghal *dawn il-motivi* l-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka l-pronunċja appellata, tiddikjara l-imputat hati, u wara li rat ir-regolament numru hdax ta' l-imsemmija Government Notice tikkundanna lill-imputat ghall-piena tal-multa ta' £20; titħallas żmien xahar mil-lum.

---